

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**Nru 151/2013**

**tal-15 ta' Lulju 2013**

**li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE**

### IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 93/2013 tal-1 ta' Frar 2013 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 dwar l-indiċċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur, fir-rigward tal-iffissar ta' indiċċijiet tal-prezzijiet tal-abitazzjonijiet okkupati mis-sidien (¹)
- (2) L-Anness XXI għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej huwa inserit wara l-punt 19a (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95) tal-Anness XXI għall-Ftehim ŻEE:

<sup>¹</sup>19aa. **32013 R 0093:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 93/2013 tal-1 ta' Frar 2013 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 dwar l-indiċċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur, fir-rigward

tal-iffissar ta' indiċċijiet tal-prezzijiet tal-abitazzjonijiet okkupati mis-sidien (ĠU L 33, 2.2.2013, p. 14)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 93/2013 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2013, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Thórir IBSEN*

<sup>(¹)</sup> ĠU L 33, 2.2.2013, p. 14.

<sup>(\*)</sup> Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonal.